**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26 - IT-TLIETA 20 TA' DIĊEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier (waslet fit-8:30pm) |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier (wasal fit-7:55pm) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat (ma jiflaħx): | Mario Brincat | Kunsillier |
| Skużat (xogħol): | Noel Gatt | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Brincat kien marid, il-Kunsilier Gatt inqabad xogħol filwaqt li l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami u Bonello kienu infurmawh li se jaslu tard.

1.2. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra u japprova l-minuti taż-żewġ laqgħat ta' qabel li kienu l-laqgħa ordinarja (nru. 24) u oħra li saret warajha b'urġenza (nru. 25).

1.3. Is-SE informa li l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami kienet talbitu biex possibilment jew issir emenda jew ikun iċċarat punt 4.6 tal-Minuti tas-Seduta Nru. 24 biex jindika li l-Kunsill kien ibbaża wkoll id-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li kienu dehru xi ittri b'ilmenti tar-residenti fuq il-gazzetti. Il-Kunsill qabel ma' dan il-punt u qabel ukoll li għandha tkun inkluża din in-nota fuq il-minuti tal-laqgħa numru 26.

1.4. Il-Kunsill approva l-Minuti tal-laqgħa Nru 24.

1.5. Is-Sinj. Cuomo talbet li fuq il-minuti tal-laqgħa b'urġenza titniżżel skużata minħabba li ma setgħetx tattendi. Il-Kunsill qabel u eżatt wara approva dawn il-minuti.

1.6. Il-Minuti taż-żewġ laqgħat ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 2. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li wara laqgħa ta' informazzjoni li saret nhar l-Erbgħa l-1 ta' Diċembru 2010 kien ġiet spjegat li Malta se tagħmel applikazzjoni għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018. Il-ħsieb hu li pajjiżna, minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu, jippreżenta lill-Kummissjoni Ewropea applikazzjoni waħda, li tkun tiġbor fiha l-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex minħabba li dan huwa l-uniku mod vijabbli kif Malta tista' tippreżenta *bid* b'saħħitha li tiżgura li pajjiżna jospità dan it-titlu fl-2018. Il-Kunsilli Lokali se jkunu mitluba jorganizzaw attivitajiet marbuta ma' din l-okkażjoni.

2.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sabiex il-lokalità tan-Naxxar tipparteċipa fi programm fuq it-televiżjoni bl-isem ta' Raħal Twelidi. Għaldaqstant il-Kunsill se jieħu ħsieb jidentifika xi nies li jistgħu jipparteċipaw f'dan il-programm.

2.3. Is-Sindku lmentat mal-Kunsillier Galea li l-*Big Friends Guggen Musik* kienet bdiet iddoqq fid-8:45pm, tliet kwarti aktar tard milli miftihem, u talbet spjegazzjoni għal dan. Il-Kunsillier Galea wieġeb li Saviour Spiteri, li jieħu ħsieb il-banda, kien infurmah li ma kienx jagħmel sens li jdoqqu żewġ baned fl-istess ħin u għaldaqstant kienu se jibdew idoqqu aktar tard, hekk kif tispiċċa ddoqq il-banda l-oħra. Is-Sindku infurmat li s-Sur Spiteri kien infurmaha fil-preżenza tas-SE li ma kellu l-ebda problema biex iddoqq fil-ħin u żied li hu xorta ma kienx se jdum aktar mill-10pm u allura jfisser li, minn servizz ta' sagħtejn, kien se jispiċċa servizz ta' siegħa u kwart għall-istess somma ta' flus. Is-Sindku kompliet li kienet tippretendti li s-Sur Galea kellu għall-inqas jikkomunika magħha qabel ma jieħu d-deċiżjoni. Il-Kunsillier Galea esprima li huwa ma jkollu l-ebda problema jekk tintbagħat ittra lil din il-banda biex tagħti l-verżjoni tagħha u li jekk il-Kunsill isib li naqsu jnaqqsilhom mill-ammont dovut. Il-Kunsill qabel li tintbagħat il-komunikazzjoni lill-banda.

2.4. Hawnhekk wasal il-Kunsillier David Bonello. Il-ħin kien it-19:55pm.

2.5. F'dan il-ħin kien hemm dibattitu bejn is-Sindku u l-Kunsillier Galea dwar allegat nuqqasijiet fil-programm speċjalment fejn kien hemm involuti l-kantanti. Is-Sindku oġġezzjonat ukoll għal diskors li allegat li ntqal mill-Kunsillier Galea lil xi kantanti u anki lil sidien ta' *stalls* fil-konfront tagħha. Il-Kunsillier Galea insista li ma kellux alternattiva għaliex ma kienx ingħata x-xogħol tajjeb u li meta sar il-ftehim mal-kantanti ma kienx sar kordinament tajjeb.

2.6. Il-Viċi Sindku irrimarka li kien hemm ukoll problema bil-parkeġġ, minħabba li mhux kullimkien tpoġġew is-sinjali minn qabel ċertu ħin. Fil-fatt kienet dehret ukoll ittra fuq il-gazzetta dwar dan, għalkemm kien ħareġ biċ-ċar li dan ir-resident kien irrabjat għall-attitudni li laqgħuh biha l-Pulizija u mhux għall-Kunsill.

2.7. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li kienu kellmuha xi nies dwar il-presepju fejn irrimarkaw li f'ħafna mill-ħin kien hemm biss l-annimali għalkemm bħala *setting* kien sabiħ ħafna. Il-Kunsillier Galea infurmaha li l-atturi tal-presepju ħaj kienu biss mitluba jiġu mill-17:00pm 'l quddiem. Il-Kunsilliera Miceli esprimiet li hi jidhirlha li l-monti ma kienx postu matul din l-attività filwaqt li Triq Santa Luċija kienet nieqsa mill-attrazzjonijiet. Il-Viċi Sindku rrisponda li għalkemm ma kienx posthom xorta waħda kienu għamlu kummerċ tajjeb, tant li kien hemm min telaq qabel għaliex kien biegħ il-merċa kollha.

2.8. Hawnhekk il-Kunsillier Galea rringrazzja lill-Viċi Sindku tal-għanuna kbira li ta qabel u matul l-attività ta' Ir-Raħal fil-Milied.

2.9. Is-Sindku infurmat li nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru kienet saret l-ikla tal-Milied għall-anzjani. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsilliera li attendew u li taw daqqa t'id matul l-attività. Hija qalet li kienet suċċess kbir u li l-anzjani ħadu gost ħafna biha. Hija rringrazjat ukoll lill-għajjutanti kollha u lill-*handyman* tal-Kunsill. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil kull min għen.

2.10. Il-Kunsillier Sammut semma li ż-żewġ *handymen* tal-Kunsill ħadmu bil-kbir fil-preparazzjoni u matul l-attività ta' Ir-Raħal fil-Milied tant li kellhom jaħdmu 'lil hinn mill-ħinijiet stipulati fil-kuntratt tant li akkumulaw ammont sostanzjali ta' siegħat żejda. Huwa għalhekk irrakkomanda li, minflok *time off,* għandhom għall-inqas jitħallsu ta' parti minn dawn is-siegħat. Is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku ma qablux ma' dan is-suġġeriment minħabba li dehrilhom li dan imur kontra l-ftehim oriġinali. Il-Viċi Sindku semma' wkoll li ħaddiem ieħor tal-Kunsill, li huwa impjegat mal-IPSL, kien irrifjuta li jaħdem minħabba li ma xtaqx *time off* u li forsi kieku kien imwiegħed li jitħallas f'sahra kien jaċċetta wkoll. Meta mistoqsi, is-SE informa li fl-opinjoni tiegħu, jekk il-Kunsill iħallas għal xi siegħat żejda ma jkun qed jikser l-ebda liġi. Il-Kunsilliera Miceli, Galea u Bonello esprimew il-qbil mal-proposta tal-Kunsillier Sammut.

2.11. Hawnhekk waslet il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami. Il-ħin kien it-20:30pm.

2.12. Meta s-SE kien mistoqsi dwar l-ammont eżatt involut huwa informa li, la darba dan is-suġġett ma kienx fuq l-aġenda, ma setax ikun ippreparat għal mistoqsija bħal din u għalhekk ma kellux l-informazzjoni f'idu.

2.13. F'dan il-ħin kien espress ukoll li, la darba dan is-suġġett ma kienx fuq l-aġenda, ma kienx f'loku li tittieħed deċiżjoni.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' NOVEMBRU

3.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti.

3.2. Is-SE informa li *Public Cleansing Services* kien bagħat kont ta' €600 għal tindif ta' ż-żona tat-*Trade Fair* però hu kien infurmah li dan ma kienx se jitħallas mill-Kunsill minħabba li ma kienx xogħol ordnat minnu u lanqas ma kien f'żona fir-responsabbiltà tal-Kunsill.

3.3. Is-SE informa li mil-lista tneħħa wkoll il-kont għan-Nemnebus li ntużat matul L-Istorja Tmexxi s-Sengħa minħabba li din kienet tħallset minn wieħed mill-kuntratturi (bħala *sponsorship*).

3.4. Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Galea. Il-ħin kien id-21:45pm.

3.5. Il-lista li kienet approvata (annessa f'A).

3.6. Il-Kunsill approva wkoll il-lista ta' ordnijiet li saru f'Novembru kif elenkata u annessa f'B.

## 4. APPROVAZZJONI TAL-*PERFORMANCE BONUS* TAL-IMPJEGATI

4.1. Is-SE informa li b'mod ġenerali l-impjegati kollha jwettqu aktar milli mistenni minnhom. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-*performance bonus* tal-impjegati kollha għandu jingħata fuq il-livell massimu.

4.2. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li anki s-SE għandu jingħata l-massimu tal-*performance bonus*.

## 5. LISTA TA' LMENTI

5.1. Il-Kunsill iddiskuta l-*bring-in site* ta' Triq San Ġorġ u l-problemi li qed ikun hemm b'rimi ta' kull xorta ta' skart madwarha. Il-Kunsill qabel li din il-*bring-in site* għandha titneħħa minn dak il-post. Is-SE staqsa jekk il-Kunsill riedx ipoġġi dan is-sit f'xi post ieħor. Kien suġġerit li possibilment jitpoġġa fil-viċinanzi u għalhekk issemmiet Triq Leli Falzon. F'dan ir-rigward għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami għandha tindaga dwar possibiltà li jitpoġġa fi Triq Leli Falzon ħalli tittieħed deċiżjoni definittiva fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

5.2. Is-Sindku semmiet li qed ikun hemm problema fi Triq l-Oratorju billi l-vetturi kienu qed jipparkjaw wisq fil-kantuniera u għalhekk is-SE kien mitlub biex jordna l-immarkar tal-kantunieri bl-isfar. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir applikazzjoni ma' TM biex Triq l-Oratorju ssir f'direzzjoni unika.

5.3. F'dan il-ħin is-Sinj. Cuomo kienet skużata mil-laqgħa. Il-ħin kien id-21:15.

5.4. Il-Kunsill iddiskuta imbagħad il-lista tal-ilmenti/suġġerimenti u ħa deċiżjonijiet kif imniżżel fuq il-lista annessa f'Ċ.

5.5. Waqt id-diskussjoni tal-ilment is-Sinj. Miceli kienet skużata mil-laqgħa. Il-ħin kien id-21:33.

## 6. IL-PROĊESS TA' IMPJIEG ĠDID

6.1. Is-SE informa li kien irċieva applikazzjoni waħda internament (minn Kunsill ieħor) għall-vakanza ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali kif ukoll numru ieħor minn persuni li qed jirreġistraw mal-ETC.

6.2. Kien hemm qbil li s-SE għandu jivverifika jekk dawn l-applikazzjonijiet humiex eliġibbli sabiex 'il quddiem tiġi deċiża ġurnata għall-intervisti.

## 7. TMIEM IL-LAQGĦA

7.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2011 fis-7:30pm.

7.2. Il-laqgħa spiċċat fl-22:20pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

**Lista ta' Pagamenti - Laqgħa Nru. 26**

| Supplier | Description | Invoice No | Ammount |
|---|---|---|---|
| ADI Associates | Planning Application Reviews - October 2010 | 776 | €119.59 |
| Andrew Vassallo General Trading | x12 Festa Manholes for poles | 1966 | €229.32 |
| Archway Ironmongery | Hardware items | 31120 | €343.66 |
| Archway Ironmongery | Hardware items | 31113 | €218.90 |
| Archway Ironmongery | Hardware items | 31043 | €374.35 |
| Assocjazzjoni Trasport Pubbliku | Circular Bus Service - October 2010 | | €1,176.26 |
| B. Grima & Sons Ltd | 4x Dog Fouling Signs & Brackets | 2114 | €101.01 |
| B. Grima & Sons Ltd | Custom Made Signs - PO3298 | 2211 | €419.84 |
| B. Grima & Sons Ltd | Hire of 8 Barriers - Mornago | 2232 | €51.92 |
| B. Grima & Sons Ltd | Various Road Signs / Street Names | 2224 | €121.89 |
| Bitmac Ltd | 97 Bags of Instant Road Repair | 12396 | €373.14 |
| C.S.D. Office Trade | Stationary items for Office | 32459 | €23.88 |
| C.S.D. Office Trade | Stationary items for Office | 32090 | €51.33 |
| C.S.D. Office Trade | Box & Lever Arch Files | 32713 | €31.98 |
| C.V Woodworks Co. Ltd. | Brackets for Xmas Balls | 36 | €196.80 |
| C.V Woodworks Co. Ltd. | Water proofing Boxes - Xmas Village | 37 | €128.00 |
| C.V Woodworks Co. Ltd. | Provision of Timber & Labour for Xmas Lamps | 38 | €185.00 |
| C.V Woodworks Co. Ltd. | Soft Chip Board | 39 | €82.45 |
| Casapinta Design Group | Panels & Spotlights for AHC Exhibition | 12215 | €1,500.00 |
| Central Asphalt Ltd. | Concrete Slabs x3 | 38897 | €22.13 |
| Cerfa Livestock | Rental of Props for Xmas Village | | €500.00 |
| Charles Butcher | Meat for Ikla tal-Anzjani 18/12/10 | 2445 | €18.69 |
| Charles Fenech | Aluminium & Brackets | 2380 | €212.04 |
| Charles Sant | Skip Service (3 Skips) during September / October | | €150.00 |
| Charlie Mifsud | Weed Cutting - Non Urban - October 2010 | 846 | €1,603.63 |
| Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone E - October 2010 | 847 | €390.30 |
| Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone A - October 2010 | 848 | €1,235.54 |
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Extra Work - October 2010 | 849 | €962.05 |
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - October 2010 | 850 | €1,995.54 |

A

| | | | |
|---|---|---|---|
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - November 2010 | 858 | €1,995.54 |
| Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone E - November 2010 | 856 | €390.30 |
| Charlie Mifsud | Weed Cutting - Non Urban - November 2010 | 855 | €1,603.63 |
| Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone A - November 2010 | 854 | €1,235.54 |
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Extra Work - November 2010 | 857 | €962.05 |
| Cleansing Services Dept. | Cleaning & Attendance of Public Conveniences - November 2010 | 110560 | €889.34 |
| Clear Print Malta | T-Shirts for BIC Recycling Activity | 2897 | €342.20 |
| Clint Muscat | Tower Ladder Service | 45 | €25.00 |
| Clint Muscat | Tower Ladder Service - Xmas Decorations | 50 | €415.00 |
| Clint Muscat | Tower Ladder Service - Xmas Decorations | 49 | €534.00 |
| COA Ink & Toner Recharging Ltd | Toners for Printers | 2302 | €142.11 |
| COA Ink & Toner Recharging Ltd | Toners for Printers | 2335 | €48.92 |
| ELC | Works Carried out during November 2010 | 6735 | €3,365.46 |
| Enemalta Corp | Electric Supply @ Garden in Triq in-Nahal | | €300.00 |
| Frans Butcher | Meat for Ikla tal-Anzjani 18/12/10 | | €17.00 |
| G4S Security Services | CIT - October 2010 | 1255 | €159.81 |
| G4S Security Services | CIT - November 2010 | 1458 | €167.42 |
| Galea Curmi Engineering Consultants | Contract Manager Fee - November 2010 | 2375 | €272.54 |
| George Aluminium Fgura | Aluminium Arches for Xmas decorations | | €311.52 |
| Georgina Grima | Nursing Services - October 2010 | | €608.02 |
| Georgina Grima | Nursing Services - November 2010 | | €561.56 |
| GO plc | Telephony Service - October 2010 - Line 1 | 24602464 | €301.99 |
| GO plc | Telephony Service - October 2010 - Line 2 | 24602458 | €26.68 |
| GO plc | Telephony Service - October 2010 - Line 3 & 4 | 24602457 | €208.20 |
| GO plc | Telephony Service - November 2010 | 24817259 | €139.12 |
| GO plc | Telephony Service - November 2010 | 24817260 | €23.49 |
| GO plc | Telephony Service - November 2010 | 24817266 | €393.56 |
| Grace Camilleri | Librarian Services - October 2010 | | €174.90 |
| Grace Camilleri | Librarian Services - November 2010 | | €166.16 |
| Art Academy | Items used for Community Art eventually used for ir-Rahal fil-Milied | 221010 | €99.77 |
| Green Supplier Ltd | Flower stand used on 07/12/10 | 13088 | €59.00 |
| GS Superstore | Food & Refreshments (Ikla ghall-Anzjani) | 1139302 | €88.26 |
| Guard & Warden Service House | Traffic Management - November 2010 - Triq il-Parrocca | 2786 | €39.60 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Impressions Ltd | AHC Certificates | 29856 | €74.34 |
| Impressions Ltd | Xmas Flyers - A6 | 30283 | €173.25 |
| Impressions Ltd | Xmas Poster - A3 | 30284 | €157.50 |
| Jimmy Buhagiar | Animals & Hay for Xmas Village | 2644489 | €510.00 |
| Jurgen Attard | Handyman Service - October 2010 | | €1,234.80 |
| Jurgen Attard | Football Ground Guardian | 1156668 | €148.20 |
| Kunsill Malti ghall-iSport | Rental of Pool Lanes-Swimming Lessons (Repl. cheque 13673 due to incorrect amount) | | €93.20 |
| Kunslill Lokali Hal Kirkop | Guarantees of ESF Courses | | €300.00 |
| La Buona Dolceria | Finger Food for President's Activity @ Football Club | | €290.73 |
| La Buona Dolceria | Finger Food for AHC Exhibition | | €193.54 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - November 2010 | 23085 | €168.92 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - November 2010 | 23134 | €263.37 |
| Master Cellars | Refreshments for AHC Exhibition | 319 | €28.32 |
| Master Cellars | Refreshments for AHC Exhibition | 320 | €84.96 |
| Media Today Co. Ltd. | Advert on Website for Xmas Village | 11637 | €129.80 |
| MG Home Interiors | Sewing Services Rendered - Curtains for Conference Room | 229 | €375.00 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer - October 2010 | 351 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer - November 2010 | 369 | €109.98 |
| Nicholas Baldacchino | 300 Fjakkoli - Ir-rahal fil-milied 2010 | | €480.00 |
| Northern Cleaning Group Ltd | Refuse Collection - October 2010 | 10 | €6,786.33 |
| Outlook Coop | Design & Artwork for ir-Rahal fil-Milied | 9652 | €354.00 |
| Parrocca Marija Bambina | Hire of Oratory Hall (AHC) & Advert on Programm tal-Festa 2010 | 23 | €586.00 |
| Richie's Ironmongery | Hire of Jigger for hole in Civic Centre Well | 1060 | €9.44 |
| Richie's Ironmongery | Cable Clips & Bolts | 1101 | €13.82 |
| Sammut Concrete Supplies | Concrete Slabs for reconstruction of pavements @ BIC by Council handymen | 831 | €804.17 |
| Sarjo Saliba | Boring of Hole @ Civic Centre | | €50.00 |
| SBL | 360 LED white lightbulbs | 5929 | €1,099.95 |
| Sirap Ltd | Repair of Server and setting up of RAID1 | 142638 | €459.84 |
| Smart Supermarket | Refreshments for Conferences | 240325905 | €148.95 |
| Snow White Laundry | Cleaning of Flags | 372199 | €25.00 |
| Spiral Design | Change of Dates on AHC Signs | 2117 | €16.99 |
| Spiral Design | Supply of clear vinyl | 2122 | €10.62 |
| St. John Ambulance Training Branch | First Aid Course (October 2010) | 45 | €420.00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tania Farrugia | Course for BIC Recycling Activity | | €200.00 |
| Transient Light & Sound Ltd | Hire of Sound & lighting for AHC Exhibition | 2722 | €584.55 |
| Transmec Services Ltd | Galvanized Expanded Metal | 16499 | €48.38 |
| Transmec Services Ltd | Items used for Xmas Decorations Rahal fil-Milied | 16611 | €82.59 |
| Vascas Enterprises Ltd. | Present for newly appointed Priest (Sept 2010) | 2162 | €41.80 |
| Velton Trading | 200x Color Lightbulbs | 16 | €116.00 |
| Velton Trading | 200x Clear Lightbulbs | 26 | €116.00 |
| Victor Mula | Handyman Service - October 2010 | | €1,234.80 |
| Victory Butcher | Meat for Ikla tal-Anzjani 18/12/10 | 336 | €23.07 |
| Vincent Mifsud Ltd | Lights for Xmas tree in Labour Avenue | 141834 | €166.76 |
| **TOTAL** | | | **€47,211.88** |

| **NLC Income - November** | | | |
|---|---|---|---|
| Course Fees | | | €88.50 |
| Cultural Activities | | | €53.00 |
| Hire of Football Ground | | | €112.00 |
| Skip Permits | | | €37.12 |
| Crane Permits | | | €747.33 |
| Kiosk Permit | | | €1,712.58 |
| Outside Activity Permits | | | €14.00 |
| Deposit of Material, Scaffolding etc. | | | €13.98 |
| Hire of Hall | | | €34.95 |
| Permit for Placing Tables & Chairs | | | €61.48 |
| Documents/Information Charges | Tender Documents, etc | | €80.00 |
| Advertising | | | €210.00 |
| Trenching Permits | | | €13.98 |
| Contractor's Guarantees | Refundable | | €815.47 |
| Nursing Services | | | €0.00 |
| Funds from Government | | | €10,000.00 |
| KKT Pooling System | | | €27,867.00 |
| Others | Parking Clocks, Naxxar Booklet, etc | | €497.58 |
| **TOTAL** | | | **€42,358.97** |

Ċ

**Lista ta' Purchase Orders - Novembru 2010 - Laqgħa Nru. 26**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/11/2010 | 3432 | Archway Ironmongery | Ramel, cement, zrar | €15.28 |
| 01/11/2010 | 3433 | E. Calleja & Sons | Globes 30cm | €38.50 |
| 01/11/2010 | 3434 | Scan Computers | Monitor 19" | €133.00 |
| 02/11/2010 | 3435 | J & S Ironmongery | Bolts, skorfini, washers, fluorescent spray | €71.75 |
| 03/11/2010 | 3436 | Lautier | Hollow Section Galvanised - Doggie Bins | €23.70 |
| 03/11/2010 | 3437 | J & S Ironmongery | Cable Ties | €8.24 |
| 04/11/2010 | 3438 | Veltron Trading | Bozoz | €116.00 |
| 04/11/2010 | 3439 | Maintenance + Construction Dept. | Festa poles - drilling | n/a |
| 04/11/2010 | 3440 | Maintenance + Construction Dept. | patching | n/a |
| 04/11/2010 | 3441 | CSD Office Trade | Thermal binders | €51.40 |
| 09/11/2010 | 3442 | B. Grima + Sons | Clean After Your Dog signs x3 | €70.80 |
| 10/11/2010 | 3443 | Archway Ironmongery | cement, zrar, gutters, etc | €50.87 |
| 10/11/2010 | 3444 | Andrew Vassallo | Festa manhole covers | €229.32 |
| 11/11/2010 | 3445 | Carmel Vella Ltd. | kaptelli tad-drenagg | €22.14 |
| 12/11/2010 | 3446 | Clear Print Malta | 100 t-shirts (BIC through a sponsorship) | €342.20 |
| 15/11/2010 | 3447 | Archway Ironmongery | Pipe, socket, elbow, drain, cement, tee | €13.72 |
| 15/11/2010 | 3448 | Lautier | Hollow aluminium - xmas decorations | €292.16 |
| 16/11/2010 | 3449 | Archway Ironmongery | Wire, tie clips, nylon, qatran | €84.55 |
| 17/11/2010 | 3450 | George Aluminium | Pipe Bending | €311.52 |
| 11/11/2010 | 3451 | Archway Ironmongery | Pots | €37.00 |
| 18/11/2010 | 3452 | Paramount Garage | Service of transport | €154.87 |
| 18/11/2010 | 3453 | Antoine Fenech Florist | Bouquet for funeral of Giovanna Fenech Adami | €25.00 |
| 18/11/2010 | 3454 | Amanda Grima | Backlog Accounts, Fixed Assets Register | €850.00 |
| 18/11/2010 | 3455 | Paramount Garage | Transport service cultural tour Nov 2010 | €51.25 |
| 22/11/2010 | 3456 | Archway Ironmongery | Cement | €54.46 |
| 23/11/2010 | 3457 | Archway Ironmongery | Tangit, hologen 1000w | €16.13 |
| 23/11/2010 | 3458 | Archway Ironmongery | Azzar, Clips, Bottle screws, Skorfini | €153.95 |
| 23/11/2010 | 3459 | Archway Ironmongery | Bolts,Nuts,Viti self tapping, trapan, Bit for screws | €36.45 |
| 23/11/2010 | 3460 | CDA Ink & Toner Ltd | Toners for Office Printers | €142.10 |
| 24/11/2010 | 3461 | Archway Ironmongery | Bozoz miz-zghar 15W | €25.50 |
| 25/11/2010 | 3462 | Archway Ironmongery | cable ties, holders, connectors, wire | €114.30 |
| 25/11/2010 | 3463 | Ritchie's Ironmongery | cable ties, bolts | €13.92 |
| 26/11/2010 | 3464 | Transmec | Galvanised Sheet for well in Wied il-Ghasel | €48.38 |
| 26/11/2010 | 3465 | Eden Leisure Group Ltd. | Adverts for Rahal fil-Milied 2010 | €479.08 |
| 29/11/2010 | 3466 | Snowhite Loundry | Cleaning service of flags | €25.00 |
| 30/11/2010 | 3467 | Vincent Mifsud | Decorations for Xmas Tree @ Labour Avenue | €166.76 |
| 30/11/2010 | 3468 | Transmec | Construction of Street Lamps for ir-Rahal fil-Milied 2010 | €82.62 |

**Total:** **€4,351.92**

<u>**Lista ta' ilmenti**</u>

| Complaint | O/I/C | Description | Decision | Decision date |
|---|---|---|---|---|
| 44/0392/09 | JAM | Talba biex terga' titpogga s-CCTV fil-pjazza ghax qed ikun hemm wisq kontravvenzjonijiet. | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| 44/0203/09 & 20610021121738 | JAM | Talba biex ikun hemm playing field f'Bahar ic-Caghaq. L-istess resident talab ukoll biex issir manutenzjoni u u tindif tal-playing field. | Kien hemm qbil li din ghandha tghaddi ghall-attenzjoni tal-Kumitat Ammin. Ta' BIC. | 20/12/2010 |
| 20610020121232 | JAM | Talba biex titwahhal mera jew isir xi forma ta kontroll fi Triq il-Buzjett minn fejn jizbokka traffiku mill-parking tal-GS Superstore.Mir-rampa ma jidhrux il karozzi mit-triq u vice versa. Il-problema hija ntensifikata bil-vetturi li jkunu unloading u jistagnaw l'area mal-kantunieri. | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| 20610014120597 | JAM | Is-sidien ta' Zakkarija Decorations qed jaghmlu ilment minhabba li l-wardens qed jaghtu 'warnings' lil xi klijenti li qed jipparkjaw temporanjament fuq il-bankina sabiex jiehdu xi affarijiet robustici mill-hanut. Ghalhekk qed jaghmlu talba sabiex tinstab soluzzjoni ghal dan il-kaz. L-idea taghhom hi li l-klijenti jithallew jipparkjaw b'mod temporanju, minhabba li huma jaghmlu dan ghal skapitu ta' ftit hin, u peress li hemm problema kbira ta' parking, apparti li l-bankina hi kbira hafna. | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| 20610031120618 | JAM | Talba biex jingabar munzell kbir ta' zibel li ntefa fi Triq il-Fortizza tal-Mosta. Skont min ilmenta hemm xi 3 trakkijiet. | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| 2060904428113 | JAM | Talba ghal double yellow line quddiem din ir-residenta ghaliex ghandha problema ta' access ghax tbati minn problema ta' mobilita'. | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| NLC/100/06 | JAM | Talba biex isiru sleeping policemen fil-bidu tat-triq Santa Marija u kif tispicca Pjazza Guze Muscat. Intbaghtet ittra ffirmata minn residenti li joqghodu f'7 residenzi separati. | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| PG | JAM | Talba biex parti zghira fi Triq il-Gizwiti tinghata l-konkos ghaliex qed tintuza bhala dump. | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| NLC/036/10 - Triq is-Salina Speed Camera | BB | Talba biex tigi kkunsidrata l-installazzjoni ta' Speed Camera fi Triq is-Salina vicin Sqaq il-Kostinjuz. | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| NLC/020/10 | JAM | Talba ghal hump fil-bidu ta' Triq il-Wirt Naturali (kantuniera ma' Triq il-Kosta). | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| 20610047129171 | JAM | Suggeriment biex jitressqu 4 bankijiet li jinsabu fi Triq l-Ghakkies faccata tal-maisonettes. Dawn qeghdin ezatt faccata tat-twieqi tant li jxekklu l-privatezza tar-residenti. | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| 20610036124904 | JAM | Talba biex isiru sinjali u marki matul l-ahhar parti ta' Triq il-Qoton u t-toroq ghal go fiha (minn Triq l-Imraden sa Triq it-Tuffieh). | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| 20610041124178 | JAM | Talba biex tinbidel il-bankina fi Vjal il-21 ta' Settembru minn quddiem it-Turkish Kebab sal-monument. | Kien hemm qbil li din ghandha tigi inkluza fuq il-lista ta' prijoritajiet ta' rikostruzzjoni ta' bankini. | 20/12/2010 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| NG | JAM | Talba biex isir sinjal isfar man-naha tal-lemin ta' Triq Musulmett (inti u diehel minn Triq San Publiju) minhabba li l-vetturi qed ikunu pparkjati fuq iz-zewg nahat u qed jostakulaw lil xulxin. | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| 20610007123052 | JAM | Suggeriment biex jinbidlu s-sleeping policemen wesghin tal-konkos b'ohrajn mill-godda tar-rubber, ghar-raguni li certi karozzi jahbtu s-sump maghhom. | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| 20610057122303 | JAM | Is-sinjur qed jitlob biex id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq is-Salib terga' tigi titla' 'l fuq lejn Triq il-Gdida ghaliex kif inhi bhalissa hija skomda hafna. Barra minn hekk ta' sikwit ikunu se jahbtu meta jiltaqghu zewg vetturi li jkunu nizlin miz-zewg toroq. | Kien hemm qbil li ghalissa ghandu jibqa' kollox kif inhu fil-prezent. | 20/12/2010 |
| 20610038129258 / 20610081121933 | RD | Problema kbira ta' parkegg fi Triq il-Kappella tal-Lunzjata, s-Salini. Dan l-ilment ilu jigi mressaq. Hafna drabi jispicca jqum hafna tilwim jahraq fost ir-residenti minhabba f'hekk. | Kien hemm qbil li ghandu jsir survey mill-haddiema tal-Kunsill biex nivverifikaw x'wisgha hemm. | 20/12/2010 |
| 20610061129035 | JAM | Hemm dizlivell quddiem zewgt idjar fi Triq Leli Falzon. Dan sar primarjament minhabba li ghaddew il-mains tal-ilma u t-triq maz-zmien nizlet. | Il-Kunsill qabel li jkunu inklużi meta eventwalment ikollu kuntratt tal-patching. | 20/12/2010 |
| NLC/219/00 red. 56 | JAM | It-TMU qed jissuggerixxu li jsir communal reserved parking bay for blue badge holders only fi Triq ta' Mezzi. | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| 20609074118474 | JAM | Talba biex jittiehdu mizuri ta' sigurta' minhabba sewqan eccessiv fi Triq San Gorg specjalment matul il-lejl. | Kien hemm qbil li ghanhdom isiru sinjali ta' slow matul din it-triq. | 20/12/2010 |
| 20610065122843 | JAM | Suggeriment biex jitpogga bank fuq il-bankina hdejn Convoy Garage fi Triq Sta Marija fil-Maghtab. | Il-Kunsill ma laqax din it-talba. | 20/12/2010 |
| 20609030118364 | JAM (CS) | Talba biex issir hump fi Triq ix-Xambekk vicin il-Knisja minhabba overspeeding li qed ikun hemm fit-triq u huwa ta' periklu ghat-tfal li jmorru l-Muzew. | Il-Kunsill qabel li din tgħaddi f'idejn il-Kumitat Amministrattiv. | 20/12/2010 |
| 20610044130903 | JAM | Talba biex titpogga tabella biex turi fejn hemm Tal-Qadi Temples peress li anke turisti gieli jistaqsu ghad-direzzjoni ghalihom. | Il-Kunsill qabel. | 20/12/2010 |
| NLC/254/00 | JAM | Tigi rrangata t-triq ta' wara l-Isplash and Fun billi jitnaqqas l-gholi ta' bejn it-triq fejn kien isir il-parkegg qabel. It-talba hija li jitwaddab jew terrapien jew konkos. | Diġà qed jittiehdu passi dwar din it-talba. | 20/12/2010 |
| NLC/127/06, Reds 21, 28, 29. | JAM | Talba biex tigi rikostruwita l-bankina quddiem il-garaxx minhabba li qed ikollu problema biex jaccessah. | Se terga' titressaq aktar 'il quddiem. | 20/12/2010 |
| AMMFA | JAM | Talba biex tigi rrangata l-bankina ghaliex qieghda f'sitwazzjoni dizastruza. Din qeghda fi Triq Leli Falzon. | Kien hemm qbil li din ghandha tigi inkluza fuq il-lista ta' prijoritajiet ta' rikostruzzjoni ta' bankini. | 20/12/2010 |